PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2006/0064(CNS)

5.12.2006

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid
(COM(2006)0191 – C6-0168/2006 – 2006/0064(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Maria da Assunção Esteves

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 6

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ta' Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa dwar l-ammissjoni mill-ġdid
(COM(2006)0191 – C6-0168/2006 – 2006/0064(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2006)0191)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 63(3)(b) u 300(2), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 300(3), l-ewwel subparagrafu, tat-Trattat UE, li skond liema l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0168/2006),

– wara li kkunsidra r-Regoli 51 u 83(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0000/2006),

1. Japprova konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq il-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u l-Federazzjoni Russa.

[1] Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Il-ftehim: storja u raġunijiet

1.1 Storja

Il-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni Russa huwa l-ħames wieħed ta' dan it-tip li ġie negozjat u konkluż mill-Komunità ma' stat li mhuwiex membru. Konklużjoni ta' ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid mar-Russja kien diġà ġie inkluż fost il-miżuri proposti fl-istrateġija konġunta ta' l-UE adottata fl-4 ta' Ġunju 1999. L-ewwel stadju tan-negozjati inżamm f'Moska fit-23 ta' Jannar 2003. Minn Ottubru 2004, in-negozjati komplew b'mod parallel man-negozjati tal-ftehim dwar il-faċilitazzjoni tal-viża bejn ir-Russja u l-UE. Iż-żewġ ftehimiet inbdew formalment f'Moska fl-4 ta' April 2006. Peress li l-iffaċilitar tal-ftehim dwar il-viża u l-ftehim dwar ammissjoni mill-ġdid huma konnessi, għandhom jiġu ffirmati u konklużi u jidħlu fis-seħħ fl-istess ħin. Il-ħsieb wara l-ftehimiet huwa kompens politiku reċiproku.

Is-sustanza finali tal-ftehim mar-Russja dwar l-ammissjoni mill-ġdid tista' tiġi miġbura kif ġej: l-obbligi ta' ammissjoni mill-ġdid stabbiliti fil-ftehim (Artikoli 2 u 5) huma bbażati fuq regola ta' reċiproċità u jkopru ċittadini tal-partijiet kontraenti (Artikoli 2 u 4), flimkien ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat (Artikoli 3 u 5). Il-ftehim jinkludi wkoll dispożizzjonijiet relatati ma' kundizzjonijiet għall-ammissjoni mill-ġdid (Artikoli 3 u 5); operazzjonijiet ta' tranżitu (Artikoli 14 u 15, flimkien ma' Anness 6); aspetti tekniċi tal-proċedura ta' ammissjoni mill-ġdid (Artikoli 6 sa 13, flimkien ma Annessi 1 sa 5); regoli dwar spejjeż, protezzjoni tad-dejta, u r-relazzjoni ma' obbligi internazzjonali oħra (Artikoli 16 sa 18); u s-sħubija, ix-xogħol, il-poteri tal-Kumitat Konġunt ta' Ammissjoni mill-Ġdid (Artikolu 19). Sabiex ikun possibbli li l-ftehim jiġi applikat fil-prattika, l-Artikolu 20 jeħtieġ li r-Russja tikkonkludi protokolli bilaterali ta' implimentazzjoni ma' l-Istati Membri kollha.

1.2. Raġunijiet

Il-ftehimiet dwar ammissjoni mill-ġdid jidħlu fl-istrateġija usa' ta' mmaniġġjar tal-migrazzjoni ta' l-Unjoni, intiża li tkun primarjament preventiva u bbażata fuq il-kooperazzjoni ma' l-istati ta' l-oriġini u ta' tranżitu. L-ammissjoni mill-ġdid tikkostitwixxi strateġija fil-każ ta' l-agħar ċirkostanzi. Ir-ritorn volontarju huwa ppreferut mir-ritorn sfurzat. Madankollu, l-istrateġija stipulata mill-Unjoni fuq dawn il-linji mhux dejjem tiġi espressa b'mod prattiku xieraq. Minħabba d-diffikultà ta' l-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni effettiva mal-pajjiżi ta' oriġini, l-Unjoni qed tipprova ssib modi differenti kif tibgħat l-immigrati lura aktar malajr. Fatt li spiss jiġi injorat huwa dak li l-immigrati jkollhom jiffaċċjaw meta jkunu fi tranżitu u fil-wasla fil-pajjiżi ta' l-oriġini tagħhom.

Politika biex tiġi regolata l-immigrazzjoni illegali għandha tiġi marbuta indissolubilment ma' politika dwar id-drittijiet tal-bniedem. Sabiex ikunu leġittimi, ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid għandhom jeliminaw għal kollox approċċ sommarju jew simplistikament tekniku għall-fenomenu ta' l-immigrazzjoni illegali, u għall-kuntrarju jadottaw wieħed umanitarju. Il-kwistjoni ta' l-ammissjoni mill-ġdid mhijiex ippjanata u lesta kif tidher ma' l-ewwel daqqa t'għajn. Proċedura ġusta ta' ammissjoni mill-ġdid timplika li l-partijiet kontraenti irid ikollhom

struttura ta' l-istat demokratika mingħajr ekwivoki u għandu jkun ċert li l-organizzazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-prattika politika tagħhom jiggarantixxu d-drittijiet tal-bniedem.

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja għaddejjin minn fażi kritika. Jekk isirx ftehim ġdid ta' sħubija u kooperazzjoni wara l-2007 jiddependi minn kif tidher li tkun is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja.

2. Rwol tal-Parlament

Meta jkunu qed jiġu konklużi ftehimiet internazzjonali, ma jagħmilx sens għall-Parlament li jiġixxi biss bħala osservatur. Fil-fatt, il-Parlament ma jiġix ikkonsultat sa l-istadju fejn ma jkunx iżjed possibbli li tinbidel is-sustanza ta' ftehim jew li tiġi evitata l-konklużjoni tiegħu. Huwa veru li l-Artikolu 300 tat-Trattat KE jipprovdi biss li l-Parlament jiġi kkonsultat f'każijiet ta' dan it-tip. Mill-banda l-oħra l-Kunsill u l-Kummissjoni għandhom iżommu lill-Parlament regolarment informat ladarba jkunu infetħu n-negozjati: id-dmir ta' kooperazzjoni bona fide (l-Artikolu 10 tat-Trattat) japplika mhux biss għar-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità, iżda wkoll għal relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet innifishom. Il-Parlament se jibqa' jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jissodisfaw dan l-obbligu ta' informazzjoni kull meta l-UE tikkonkludi ftehimiet fil-ġejjieni ma' Stati li mhumiex membri.

Il-Parlament jilqa' b'soddisfazzjon il-fatt li *direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment* (COM(2005)0391 – 2005/0167(COD)) għandha tiġi fis-seħħ dalwaqt; din id-direttiva hija suġġetta għall-kodeċiżjoni u l-prinċipji essenzjali tagħha għandhom jiġu osservati f'kull ftehim speċifiku ta' ammissjoni mill-ġdid.

Il-kwistjoni ta' ftehimiet internazzjonali u s-suġġett kumpless ta' migrazzjoni li jinvolvu jitolbu li deċiżjonijiet Ewropej jittieħdu fuq bażi demokratika. Barra minn hekk, it-Trattat Kostituzzjonali għandu jġib l-għaqda neċessarja, il-koerenza, u l-poter parlamentari ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan il-politika esterna ta' l-Unjoni.

3. Politika tar-ritorn u d-drittijiet tal-bniedem: sfond u kundizzjonijiet proċedurali

Id-drittijiet tal-bniedem għandu jkollhom pożizzjoni privileġġjata fil-ftehim dwar ammissjoni mill-ġdid. Dan jimplika l-bżonn li jinħolqu kundizzjonijiet li jgħinu sabiex id-dinjità ta' l-immigranti illegali tiġi rispettata. Ftehimiet dwar ammissjoni mill-ġdid huma fundamentalment kwistjonijiet umani u mhux tekniċi. L-Unjoni m'għandhiex tonqos milli tagħmel l-isforz meħtieġ biex il-ftehim ikun suċċess.

Kundizzjonijiet ta' sfond

3.1.1. Bil-ħsieb li tiġi stabbilita zona komuni ta' libertà, sigurtà, u ġustizzja, l-Unjoni ddikjarat li se tappoġġja riforma tas-sistema ġudizzjarja fir-Russja u l-immaniġġjar tal-fruntieri tal-pajjiż. Il-Parlament iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħmlu kull sforz għal dan il-għan u wkoll biex jippromwovu korsijiet ta' taħriġ għal uffiċjali tal-fruntiera u ta' l-immigrazzjoni.

3.1.2. Il-Parlament isostni li l-abilità tar-Russja li timmaniġġja l-migrazzjoni għandha tiġi

mtejba sabiex tgħin lill-awtoritajiet Russi jassumu r-responsabilitajiet li jaqgħu fuqhom skond il-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid malli dan jidħol fis-seħħ.

3.1.3. Il-Parlament huwa mħasseb dwar il-fatt li ma jeżistix qafas regolatorju għall-implimentazzjoni tal-ftehim.

3.1.4. Il-Parlament iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-awtoritajiet Russi bl-għarfien neċessarju jekk ir-Russja għandha tissodisfa l-obbligi tagħha skond standards internazzjonali

3.1.5. Il-Parlament qiegħed isejjaħ għal djalogu dejjem aktar intensiv mar-Russja dwar id-drittijiet tal-bniedem. Ir-Russja għadha ma rratifikatx il-Protokoll Nru 6 għall-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fi żmien tal-paċi; hija ma ffirmatx il-Protokoll Mhux Obbligatorju għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Tortura u t-Trattament jew Kastiġ Inuman u Degradanti Ieħor; hija ma rratifikatx il-Konvenzjoni ta' The Hague rigward l-Aspetti Ċivili dwar il-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri; Mhijiex qed tikkopera bis-sħiħ mal-Kunsill ta' l-Ewropa u n-Nazzjonijiet Uniti għall-prevenzjoni tat-tortura; ma temmitx il-proċedura għar-ratifika tal-Karta Soċjali Ewropea; u ma rifformatx is-servizz ta' prosekuzzjoni pubblika b'konformità ma' l-impenji li ħadet fil-Kunsill ta' l-Ewropa.

3.1.6. Għalkemm it-test tal-ftehim jirreferi b'mod speċifiku għat-trattati internazzjonali ffirmati mill-partijiet (l-Artikolu 18), eżami rigoruż huwa leġittimu sabiex ikun żgurat li l-ammissjoni mill-ġdid ta' immigranti mill-awtoritajiet Russi huwa kompatibbli ma' l-oġħla standards tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rapporti dejjem aktar frekwenti li r-Russja miexja lejn awtoritariżmu qed iqajmu tħassib kbir fil-Parlament (ara, fost l-oħrajn, ir-*Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja*, ĠU C 117E, 18.5.2006, p. 235, u r-*Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-drittijiet tal-bniedem fir-Russja u l-leġiżlazzjoni ġdida ta' l-NGO*, P6_TA(2005)0534).

3.1.7. Politika ta' ritorn li tkun konsistenti mal-valuri ta' l-Unjoni ma tistax tkun ibbażata fuq approċċ repressiv li jirrigwardja purament iż-żamma tal-liġi u l-ordni pubbliku, iżda jrid jiġi inklus fil-qafas tal-kamp ta' applikazzjoni ta' politiki oħra. Dak li fil-fatt jeħtieġ huwa *pjan ta' azzjoni* mmirat lejn

i) intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-pajjiżi ta' oriġini;

ii) evalwazzjoni tad-dimensjoni reali tar-ritorn li jitwettaq mill-Istati Membri;

iii) tfassil ta' arranġamenti konġunti ta' superviżjoni minn stati li magħhom ġew negozjati ftehimiet jew klawżoli ta' ammissjoni mill-ġdid;

iv) il-promozzjoni attiva ta' koerenza bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fejn huma konċernati t-taħriġ u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet bilaterali;

v) il-promozzjoni ta' djalogu aktar intensiv u strutturat ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati u mal-Kunsill ta' l-Ewropa.

3.1.8. Jista' jingħad verament li hemm sfida enormi li qed tiffaċċja l-politika esterna ta' l-Unjoni, li waħda mill-aspetti l-aktar importanti u sensittivi tagħha hija l-immigrazzjoni. L-immigrazzjoni teħtieġ li r-responsabilitajiet ta' l-Unjoni għad-dħul u r-ritorn jiġu bbilanċjati, u s'issa dan għadu ma ntlaħaqx. Dan jeħtieġ approċċ integrat li jkopri l-migrazzjoni fiż-żewġ direzzjonijiet. L-isfida hija li jinħoloq ordni istituzzjonali ġdid fi ħdan l-Unjoni li jippermetti li tiġi stabbilita strateġija konġunta u li l-poter tal-Parlament fit-teħid ta' deċiżjonijiet jiġi estiż għas-suġġett kollu kemm hu. L-unika għażla possibbli hija r-razzjonalità demokratika, jew, fi kliem ieħor, proċedura ta' kodeċiżjoni.

3.1.9. Il-kundizzjonijiet deskritti hawn fuq jiffurmaw l-isfond ideali għal strateġija konġunta għar-ritorn ta' immigranti illegali. Il-Ministri ta' l-Affarijiet Barranin u l-Ministri responsabbli għall-immigrazzjoni jkunu jridu jagħmlu laqgħat mal-Parlament u mal-Kummissjoni sabiex jiddeterminaw linji ġenerali ta' strateġija bħal din u wkoll jeżaminaw bir-reqqa l-implimentazzjoni.

Kwistjonijiet ta' immigrazzjoni u kooperazzjoni fl-immaniġġjar tal-fruntieri esterni huma prova deċiżiva għar-relazzjonijiet ta' l-UE mal-ġirien tagħha. Politika ta' ritorn mingħajr bażi soda, f'sitwazzjoni fejn l-istituzzjoni politika Ewropea mhux qed jirnexxilha tassumi r-responsabilitajiet kollha tagħha, ma tistax tkun ġustifikata fid-dawl tal-valuri ta' l-Unjoni.

3.2. Kundizzjonijiet proċedurali

Jidher biċ-ċar li huwa ovvju li r-ritorn iġib miegħu kriżi akuta.

L-Unjoni għandha tiżgura li fil-proċedura ta' ritorn l-Istati Membri u r-Russja jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni involuti, speċjalment id-drittijiet l-aktar ikkonċernati fiż-żmien tal-ħajja meta l-migrazzjoni sseħħ: in-nuqqas ta' diskriminazzjoni, nuqqas ta' ksur ta' bżonnijiet fiżiċi u psikoloġiċi, il-protezzjoni tal-familji, kundizzjonijiet deċenti waqt li persuni jinżammu fid-detenzjoni jew waqt li jgħaddu mill-proċedura ta' tranżitu, u salvagwardji essenzjali rigward id-dritt li jkunu difiżi. Dawn għandhom jiffurmaw il-parametri obbligatorji li fihom jiġi evalwat jekk il-partijiet kontraenti humiex qed ikunu konformi mal-ftehim u humiex qed jaġixxu in bona fide.

i) Kif se jiżguraw il-Kummissjoni u l-Kunsill li d-drittijiet imsemmija hawn fuq jiġu rispettati fil-każ ta' ripatrijazzjoni u speċjalment ripatrijazzjoni fuq skala tal-massa?

ii) X'arranġamenti konġunti ta' superviżjoni bi ħsiebhom jistabbilixxu mar-Russja?

iii) Xi kriterji se jiġu applikati sabiex jiġi żgurat li l-pajjiż fejn jirritornaw l-immigranti joffri garanziji ta' ġustizzja fis-sistema ġudizzjarja u ta' demokrazija fis-sistema politika?

iv) X'arranġamenti se jsiru biex tiġi skambjata l-informazzjoni dwar stati ta' destinazzjoni għall-persuni mingħajr stat? Jew stati bħal dawn, għall-iskop tal-ftehim, huma spazju vojt?

3.2.1. Għaldaqstant id-drittijiet għandhom jiġu ggarantiti tul il-proċedura sħiħa. It-test tal-ftehim iqajjem bosta mistoqsijiet.

3.2.1.1. Rigward persuni li jfittxu l-aċil

It-test tal-ftehim ma jeskludix b'mod espliċitu lill-persuni li jfittxu l-aċil. Konsegwentement dan jista' jwassal għall-ammissjoni mill-ġdid ta' persuni jfittxu l-aċil li l-applikazzjonijiet tagħhom ma jkunux għadhom ġew ikkunsidrati fuq il-meriti tagħhom jew kienu ġew miċħuda jew meqjusa inaċċettabbli bħala riżultat ta' l-applikazzjoni tal-kunċett tal-'pajjiż tarz sikur'.

Il-Parlament qed jitlob lill-Kummissjoni biex tqajjem din il-kwistjoni fil-Kumitat Konġunt għall-Ammissjoni mill-Ġdid u titlob salvagwardji sabiex tippermetti li persuni li jfittxu l-aċil jibbenefikaw minn-proċedura ta' aċil li tirrispetta l-istatus tagħhom fil-liġi internazzjonali, inkluż il-prinċipju ta' 'non-refoulement'.

Dak li għandu jiġi ggarantit huwa li protezzjoni internazzjonali speċifika, li tiġi konċessa lill-personi li jingħataw aċil u lir-refuġjati, ma tiġix imnaqqsa.

3.2.1.2. Rigward ċittadini minn pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat

i) Kif se tinkiseb informazzjoni dwar l-istat tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi ta' destinazzjoni għal ċittadini minn pajjiżi terzi u persuni mingħajr stat?

ii) L-istatus ta' persuni mingħajr stat kif definit fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-1954 għandha tissemma espressament fil-lista fl-Artikolu 18. Huwa veru li l-lista mhijiex kompluta. Iżda riferenza espliċita għal persuni mingħajr stat jista' jkollha effett pedagogiku fuq l-awtoritajiet amministrattivi.

3.2.2. Peress li ma jinkorporawx il-monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem, il-poteri tal-Kumitat Konġunt għall-Ammissjoni mill-Ġdid (l-Artikolu 19) huma viżibilment defiċjenti u żbilanċjati internament. Ftehim li jikkonċerna l-persuni ma' jistax jiġi trattat, bħala definizzjoni, bħal ftehim purament tekniku.

Għaldaqstant il-Parlament qed jirrakkomanda li l-poteri tal-Kumitat Konġunt għall-Ammissjoni mill-Ġdid jinkludi poter li jimmonitorja d-drittijiet tal-bniedem fl-istadji kollha ta' l-ammissjoni mill-ġdid.

3.2.3. Il-proċedura aċċelerata (l-Artikolu 6(3)) tagħti x'wieħed jifhem li hemm preżunzjoni irreversibbli dwar l-istat irregolari tal-persuni koperti li tagħti lok għal tħassib. X'hawn maħsub hawnhekk għas-salvagwardja tad-dritt li persuna tiġi difiża? Kif tista' l-proċedura tiġi rrikonċiljata fil-prattika ma' l-istatus speċifiku ta' persuni li qed ifittxu aċil li tipprevedi l-liġi internazzjonali?

3.2.4. Rigward l-awtorizzazzjoni tat-tranżitu: is-salvagwardji għall-ħarsien ta' minuri, l-għaqda tal-familja, u n-nuqqas ta' ksur ta' bżonnijiet fiżiċi u psikoloġiċi ta' immigranti illegali, u s-salvagwardji essenzjali rigward id-dritt għad-difiża, mhumiex inklużi fil-lista ta' salvagwarji fl-Artikolu 14. Is-salvagwardji ta' hawn fuq, madankollu, jikkostitwixxu n-nukleju indispensabbli ta' prinċipju ta' l-umanità li għandu jiġi osservat jekk il-ftehim irid ikun validu fid-dawl mhux biss tal-valuri ta' l-Unjoni, iżda wkoll tal-prinċipji mhux miktuba tal-liġi internazzjonali.

3.2.5. Il-possibilità tal-ħolqien ta' relazzjoni kumplimentari mal-prinċipju ta' ritorn volontarju

ma teżistix fil-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid. Skond din il-possibilità, immigrant illegali għandu jingħatalu perjodu li matulu jitlaq volontarjament, bħala l-ewwel alternattiva għar-ritorn sfurzat tiegħu.

3.2.6. Bżonn ta' klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem: kontrarju għall-opinjonijiet espressi reċentement mill-Parlament dwar in-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali ma' stati li mhumiex membri, il-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid mar-Russja ma jinkludix 'klawżola tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija', li jekk tinkiser, tista' twassal għas-sospensjoni jew anki għat-terminazzjoni tal-ftehim.

Fil-paragrafu 8 tar-*riżoluzzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-klawżola tad-demokrazija fil-ftehimiet ta' l-Unjoni Ewropea* (2005/2057(INI)) il-Parlament sejjaħ għall-'estensjoni tal-klawżola dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija biex tinkludi l-ftehimiet ġodda kollha bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi, kemm dawk industrijalizzati u li qed jiżviluppaw, u inklużi l-ftehimiet settorjali, l-għajnuna fis-snajja, l-għajnuna teknika jew finanzjarja, fuq il-linji ta' dak li sar ma' l-Istati ACP'.

Il-Parlament issa qed jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex iwettqu evalwazzjoni dettaljata ta' l-implimentazzjoni tal-ftehimiet li qed jiġu konklużi, bil-ħsieb ta' l-ammissjoni mill-ġdid ta' immigranti illegali, billi jibbażaw evalwazzjoni bħal din fuq id-drittijiet tal-bniedem.

4. Rimarki finali

Il-problema reali tal-ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid bejn l-UE u r-Russja tinsab fil-kwistjoni dwar jekk il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem għandux jokkupa post ċentrali jew jiġi relegat għat-tieni post permezz ta' approċċ sommarju fil-konfront tar-ritorn, fejn l-aspett ta' sigurtà jieħu preċedenza fuq l-aspett umanitarju.

Il-ftehimiet ta' ammissjoni mill-ġdid għandhom jirreżistu l-impuls li jħalltu l-immingrazzjoni mal-kriminalità. M'għandhomx iwasslu għat-tentazzjoni li jpoġġu r-ritorn fiċ-ċentru tal-politika ta' immigrazzjoni. M'għandhomx iħallu l-preokkupazzjoni bil-figuri tfixkel milli wieħed jiffoka fuq id-drittijiet individwali tal-bniedem. Anki ksur uniku tad-drittijiet tal-bniedem huwa biżżejjed biex joħloq fina ansjetà. Fil-ftehim, id-dimensjoni prammatika m'għandhiex tnessi d-dimensjoni morali.

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Russja qed jespandu l-ħin kollu. Jekk iridu jiġu meqjusa bħala suċċess, iridu jmorru lilhinn mill-isfera purament teknika għall-isfera tal-valuri. B'dan il-mod biss nistgħu nilħqu l-għan ta' Ewropa aktar wiesgħa, konxja minn valuri fundamentali u kapaċi tħalli impatt fuq id-dinja.

Huwa fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Parlament qed jagħti l-kunsens tiegħu Jeżisti kejl wieħed biss biex il-leġittimità tal-ftehim jiġi meqjus: id-dinjità sublimi umana, il-punt ta' tluq u l-mira finali tal-politiki ta' l-Unjoni.